**Minuti tal-Laqgħa nru 54 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 15 ta' Gunju 2011 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsillieri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa l-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.25 | 9.55 |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.15 | 9.55 |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.10 | 9.55 |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.10 | 9.55 |
| Kunsillier Dr Shirley Farrugia | 7.10 | 9.55 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.10 | 9.55 |
| Kunsillier Paul Agius | 7.15 | 9.40 |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.30 | 9.55 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.25 | 9.55 |
| Kunsillier David Meilak | 7.10 | 9.55 |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.10 | 9.55 |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Noel Cini kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.01 Il-minuti tal-laqgħa li saret fit-3 ta' Marzu ġew approvati kif preżentati.

1.02 Dwar il-minuti tal-laqgħa li saret fl-24 ta' Marzu 2011, il-Kunsillier Grech qal li hu ma jiftakarx li qal dak li kien hemm f' paragrafu 1.05 u għalhekk dan għandu jitħassar. Hu qal ukoll li kull fejn hemm referenza għal perit Grech għandu jidħol l-isem Alfred. Il-Kunsillier Demartino qal li xtaq li jiżdiedu l-kliem 'biex ma jintilfux il-fondi tal-PPP' fl-aħħar ta' paragrafu 4.05. Dawn l-emendi ġew kollha approvati.

1.03 Dwar il-minuti tal-laqgħa li saret fit-28 ta' Marzu 2011, il-Kunsllier Demartino qal li f' paragrafu 1.01 flok il-kliem 'din l-ittra' għandhom jidħlu l-kliem 'l-ittra mibgħuta mis-Sindku lill-editur tal-fuljett'. Is-Sindku qal li fl-aħħar ta' paragrafu 1.04 tiżdied din il-frażi 'is-Sindku qal ukoll li din ma kienitx l-ewwel darba li saret din il-manuvra'. Il-Kunsillier Grech qal li fl-aħħar ta' paragrafu 2.05 tiżdied il-frażi 'u li dan l-item kellu jitniżżel fuq l-aġenda tal-laqgħa tal-Kunsill'. Dawn l-emendi ġew ukoll approvati

1.04 Dwar il-minuti tal-laqgħa li saret fil-11 ta' Mejju 2011 f' paragrafu 3.02 mal-frażi li hemm fl-aħħar tal-paragrafu jiżdiedu l-kliem 'jekk ikun hemm l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali'. Din ukoll kienet approvata.

**2.00 Punti mqajjma mill-Minuti**

2.01 Il-Kunsilleir Grech qal li l-Kunsill kellu jagħmel applikazzjoni mal-MEPA dwar tneħħija ta' numru ta' siġar minn Pjazza Dr Chetcuti, u dan b'konnessjoni max-xogħol li ser isir dwar kisi ta' toroq taħt l-iskema tal-PPP.

**3.00 Segretarju Eżekuttiv għall-Kunsill Lokali**

3.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-aġent segretarju eżekuttiv kien ser itemm il-ħatra tiegħu minn mal-kunsill u filwaqt li f'isem il-kunsill irringrazzjah tax-xogħol u d-dedikazzjoni li wera matul

dawn l-aħħar tlettax-il xhar, awguralu għall-ħatra ġdida tiegħu. Hawn is-Sindku ippropona li l-aġent segretarju jingħata l-performance bonus pro rata, bir-rata full – jigifieri 10%. Kien hemm qbil unanimu dwar din il-proposta.

3.02 Hawn is-Sindku informa lill-Kunsill li persuna mpjegata mal-kunsill (hawn issemmiet din il-persuna) kienet wriet interess li tinħatar aġent segretarju eżekuttiv, u dan sakemm il-Kunsill jaħtar segretarju eżekuttiv ġdid għall-kunsill.

3.03 Il-Kunsillier Demartino oġġezzjona għal dan għax qal li din il-persuna ma kienitx tiflaħ għal responsabbilta` li jġib miegħu dan il-post f' kunsill kbir bħal tal-Mosta.

3.04 Hawn saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsillier Demartino ressaq proposta fejn il-Kunsill kellu jinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li l-istess Kunsill iħoss li m' għandux jgħabbi lil din il-persuna b' din ir-responsabbilta` għal ġid tagħha stess. Minħabba li ma kienx hemm qbil dwar din il-proposta, din tpoġġiet għall-vot fejn il-Kunsillieri Demartino, Farrugia, Meilaq, Mifsud, Fenech Adami u Agius ivvutaw favur, waqt li s-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Grech, Sammut u Fenech ivvutaw kontra - għalhekk il-proposta għaddiet u d-Dipartiment kellu jiġi nfurmat biha.

3.05 L-aġent Segretarju nforma lill-Kunsillieri li kien hemm proċedura li kellha tiġi segwita fil-proċess tal-għażla ta' segretarju eżekuttiv għall-kunsill, u rreferihom għall-Memo 53/2011 u għall-Memo 54/2011 fejn kienu annessi tlett listi ta' persuni eliġibbli li setgħu jingħażlu bħala segretarji eżekuttivi.

3.06 Hawnhekk is-Sindku talab għas-sospenzjoni tal-laqgħa sabiex il-Prof Dr George Cassar jagħmel preżentazzjoni qasira dwar il-proġett Ta' Bista taħt l-Archeotour, fejn dan informa lill-Kunsill dwar dak li kien sar s' issa u semma wkoll il-kick off meeting li kien sar fit-8 u d-9 ta' Gunju li għadda. Il-Prof talab lill-istess kunsill sabiex jaħtar rappreżentant u sostitut fuq tlett kumitati (Project Committee, Steering Committee u Comitato Tecnico) b' konnesjoni ma' dan il-proġett.

3.07 Hawn il-kunsill approva li l-Pof Dr George Cassar ikun il-membru li jirrappreżenta lill-Kunsill filwaqt li bħala sostitut tiegħu tinħatar Ms Abigail Zammit li kienet studenta fl-arkeoloġija.

## 4.00 Bring-In-Sites

4.01 Is-Sindku qal li qed ikun hemm ħafna problemi u lmenti b' numru ta' Bring-In-Sites (BIS) li hawn imxerrdin mal-lokalita` u dan minħabba l-fatt li xi nies kienu qed iħallu l-iskart tagħhom ħdejn dawn l-iskips bil-konsegwenza li qed jinħoloq inkonvenjent għar-residenti li joqogħdu fil-viċin ta' dawn l-iskips. Hawn stieden lis-Sinjura Portelli li toqgħod fi Triq il-Htajriet sabiex din tagħmel l-ilment tagħha quddiem il-kunsill.

4.02 Is-Sinjura Portelli wara li tkellmet dwar l-ilment tagħha staqsiet jekk kienx possibbli li l-BIS li hemm fi Triq il-Htajriet tiġi trasferita għal xi post ieħor jew titneħħa.

4.03 Hawn saret diskussjoni dwar il-problema tal-BISs u dwar it-talba tas-Sinjura Portelli. Saru wkoll interventi mis-Sur Joe Attard mill-Green MT, li kien il-kuntrattur responsabbli mit-tbattil u t-tindif tal-BISs.

4.04 Il-Kunsill wara qabel li l-Green MT għandha tintalab bil-miktub sabiex tneħħi l-BIS minn Triq il-Htajriet u titpoġġa f' post ieħor li għad irid jiġi identifikat mill-istess kunsill.

## 5.00 Budget 2011 (kontinwazzjoni)

5.01 Is-Sindku ppropona li l-budget kif maqbul fl-aħħar seduta jiġi approvat mill-kunsill. Hawnhekk il-Kunsillier Demartino qal li kien hemm reżoluzzjoni dwar il-flus li għandhom jiġu vvutati għal xogħol ta' patching tat-toroq aktar l-isfel fuq l-aġenda.

5.02 Is-Sindku fakkar lill-Kunsillier Demartino li l-budget kien diġa` ġie diskuss fl-aħħar laqgħa tal-kunsill u anke li dan il-budget kien ġie aġġustat kif approvat mill-kunsill fl-aħħar laqgħa

5.03 Il-Kunsillier Demartino qal li jippretendi li l-Kunsill għandu jivvota aktar flus għall-patching ta' toroq.

5.04 Il-Kunisllier Grech staqsa lill-Kunsillier Demartino x' qed jipproponi li jnaqqas mill-infieq muri fil-budget biex jiżdied il-vot tal-patching.

5.05 Il-Kunsillier Demartino ikkritika l-fatt li l-kunsill kien qed jonfoq flus fuq proġetti bħalma kienu l-iskate park u x-shelter tal-gwerra – flus li l-Kunsill seta' iffranka u nefaqhom fuq xogħol ta' patching fil-lokalita`. Hawnhekk l-Aġent Segretarju Ezekuttiv kien inkarigat sabiex jibgħat ittra lid-Dipartiment biex dan jagħti aktar flus lill-Kunsill sabiex jintefqu f' xogħol ta' patching.

5.06 Wara li saret diskussjoni dwar dan il-Kunisllier Farrugia ipproponiet li x-xogħol ta' patching tat-toroq ikun onoing – din il-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Grech. Is-Sindku, il-viċi Sindku, u l-kunsillieri Farrugia, Grech, Sammut, Fenech, Mifsud, Fenech Adami u Meilak ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillieri Demartino u Agius astjenew.

5.07 Hawn il-Kunisllier Agius talab li jigi skużat mill-laqgħa.

5.08 Is-Sindku wara ippropona li l-budget jiġi approvat kif preżentat. Din il-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Grech. L-istess Sindku, il-viċi Sindku u l-kunsilleri Sammut, Fenech, Farrugia, Grech, Meilaq u Fenech Adami ivvutaw favur, filwaqt li l-Kunisllieri Demartino u Mifsud astjenew.

**6.00 Aġġudikazzjoni tal-Offerti**

6.01 Is-Sindku beda jitkellem dwar il-bord ta' aġġudikazzjoni. Il-Kunsillier Demartino qal li kien hemm reżoluzzjoni dwar dan il-bord u li kien wieħed mill-items fuq l-aġenda. Hawn is-Sindku qal li kien talab lill-konsulent tal-Kunsill, l-Avukat Joe Mifsud kummenti dwar il-validita u l-legalita` tal-mozzjonijiet, u hawn qara dak li kien irrisponda l-avukat.

6.02 Wara dan hekk kif is-Sindku kien ser jgħaddi biex jiddiskuti u eventwalment jitlob il-vot fuq numru ta' offerti li kien hemm quddiem il-Kunsill, l-Kunsillieri Demartino, Farrugia, Mifsud, Meilaq u Fenech Adami telqu 'l barra mil-laqgħa bir-riżultat li ma kienx għad hemm kworum biex titkompla l-laqgħa.

6.03 Għalhekk il-laqgħa ntemmet fl-9.55pm.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Philip Borg
Aġent Segretarju Eżekuttiv